

Il-Ġurnal Uffiċjali C 109

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

1 ta' April 2020

Werrej

III Atti preparatorji

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2020/C 109/01

Opinjoni Nru 1/2020 (skont l-Artikolu 322(1)(a), TFUE) dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati mal-politika agrikola komuni fis-sena 2021 (COM(2019) 581 final)

1

MT

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

OPINJONI Nru 1/2020

(skont l-Artikolu 322(1)(a), TFUE)

dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati mal-politika agrikola komuni fis-sena 2021 (COM(2019) 581 final)

(2020/C 109/01)

WERREJ

	Paragrafu	Paġna
INTRODUZZJONI	01-06	3
PARTI I: OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI	07-11	4
Durata tal-perjodu tranżitorju	07-09	4
Allokazzjoni tal-finanzjament	10-11	4
PARTI II: KUMMENTI SPEĊIFIĊI	12-25	4
Estensjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali	12-16	4
Impenji pluriennali	17	6
Dewmien propost tal-evalwazzjoni għall-perjodu 2014-2020	18-20	6
Drittijiet għall-pagament	21-22	7
Riżerva għall-kriżijiet	23	7
Skemi ta' għajjnuna settorjali	24-25	7
KONKLUŻJONI	26-27	7
ANNEX		9

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 287(4) u 322 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-Politika Agrikola Komuni fis-sena 2021 ⁽¹⁾ ("ir-Regolament tranżitorju propost"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja mis-sena finanzjarja 2021 u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tal-flessibbiltà bejn il-pilastri fir-rigward tas-sena kalendarja 2020 ⁽²⁾ ("ir-Regolament emendatorju"),

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni ⁽³⁾ ("ir-Regolament dwar il-pjan strateġiku tal-PAK"),

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni ⁽⁴⁾ ("ir-Regolament Orizzontali"),

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 251/2014, (UE) Nru 228/2013 u (UE) Nru 229/2013 ⁽⁵⁾,

Wara li kkunsidrat kemm ir-rapporti annwali kif ukoll ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u l-Opinjoni Nru 7/2018 rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020 ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ COM(2019) 581 final: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021.

⁽²⁾ ĠU L 27, 31.1.2020, p. 1.

⁽³⁾ COM(2018) 392: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁴⁾ COM(2018) 393: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

⁽⁵⁾ COM(2018) 394: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-ġejejer minuri fil-Baħar Eġew.

⁽⁶⁾ Opinjoni Nru 7/2018 rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020 (ĠU C 41, 1.2.2019, p. 1).

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2019 għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal regolament tranżitorju (7),

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

INTRODUZZJONI

1. Il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni (8) rigward il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perjodu wara l-2020, li ġew ippubblikati f'Ġunju 2018, inkliudew mudell ta' implimentazzjoni ġdid għall-politika, li huwa intenzjonat li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021. Għall-PAK, il-Kummissjoni għandha l-għan li timxi minn mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-konformità lejn mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni, abbażi ta' pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri.

2. F'Novembru 2018, aħna ppubblikajna opinjoni (9) rigward il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni relatati mal-PAK għall-perjodu wara l-2020. F'din l-opinjoni, aħna analizzajna kemm il-proposti kienu indirizzaw u għaqqdu tajjeb il-ħtiġijiet, l-oġġettivi, l-inputs u l-eżiti tal-politika. Aħna kkonkludejna li l-oġġettivi ta' politika mhumiex marbutin b'mod ċar mal-interventi jew mal-outputs, mar-riżultati u mal-impatti tagħhom. Aħna sibna li l-allokazzjoni tal-fondi ma tirriflettix il-valur miżjud mistenni tal-UE. B'mod ġenerali, ir-riforma proposta tal-PAK ma tilħaqx l-ambizzjonijiet tal-UE għal approċċ aktar ekoloġiku u aktar robust ibbażat fuq il-prestazzjoni. Ir-riforma proposta tinkludi għodod għall-indirizzar tal-oġġettivi ambjentali u klimatiċi, iżda dawn la huma ddefiniti b'mod ċar u lanqas ma huma kkonkretizzati f'miri kkwantifikati. Aħna osservajna li l-Kummissjoni mhux se tkun aktar f'pożizzjoni li tikkwantifika l-punt sa fejn il-pagamenti lill-benefiċjarji finali jkunu kisru r-regoli. Aħna kkonkludejna wkoll li l-proposta tagħmilha aktar diffiċli li jiġi applikat approċċ ta' awditu uniku, notevolment minħabba bidla fir-rwol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, prinċipalment f'dak li jirrigwarda l-kontroll tal-konformità, u għaldaqstant biex jitnaqqsu l-piżijiet tal-kontroll.

3. Skont il-proposti leġiżlattivi għall-perjodu wara l-2020, l-Istati Membri jkunu jridu jippreżentaw il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2020. Il-Kummissjoni mbagħad tivvaluta u tapporova l-pjanijiet. Sa Frar 2020, il-leġiżlaturi kienu għadhom ma qablux dwar dawn il-proposti leġiżlattivi.

4. Minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tar-regoli għall-PAK għall-perjodu wara l-2020, fit-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ proposti leġiżlattivi fir-rigward tal-PAK fl-2021. Il-Parlament u l-Kunsill approvaw wieħed minn dawn ir-regolamenti proposti f'Jannar 2020 (10). It-tieni proposta, għal regolament tranżitorju, hija s-suġġett ta' din l-opinjoni. Hija tistabbilixxi dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021.

5. Ir-Regolament tranżitorju propost mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq suppożizzjoni li l-introduzzjoni tal-PAK il-ġdida se tiddewwem b'sena. Ir-regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet tranżizzjonali (it-Titolu I), emendi għal leġiżlazzjoni attwali (it-Titolu II), dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ tiegħu (it-Titolu III), u annessi li juru l-ammont ta' appoġġ mogħti mill-Unjoni fl-2021.

6. Dan id-dokument jinkludi osservazzjonijiet ġenerali (il-Parti I), kummenti speċifiċi (il-Parti II) u lista ta' suġġerimenti speċifiċi għall-abbozzar (l-Anness). Il-kriterji prinċipali tagħna għall-analiżi tar-Regolament tranżitorju propost kienu ċ-ċarezza tal-qafas legali u l-prudenza baġitarja. Fl-analiżi tagħna, aħna nivvalutaw ukoll l-implikazzjonijiet għall-PAK għall-perjodu wara l-2020.

(7) L-ittra bir-Ref. A/114858 (D 202 112 27.11.2019) mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

(8) COM(2018) 392 final - 2018/0216 (COD); COM(2018) 393 final - 2018/0217 (COD); COM(2018) 394 final/2. <https://ec.europa.eu/commission/publications/natural-resources-and-environment>.

(9) Opinjoni Nru 7/2018 rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020.

(10) Ir-Regolament (UE) 2020/127.

PARTI I: OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI**Durata tal-perjodu tranżitorju**

7. Aħna nosservaw li r-Regolament tranżitorju propost għandu l-għan li jipprovdi ċertezza u kontinwità fl-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa tal-UE, u għall-iżvilupp rurali fil-perjodu tranżitorju għal dawk l-Istati Membri li x'aktarx jużaw il-fondi kollha qabel tmiem l-2021, billi jestendi l-qafas legali attwali sakemm tidħol fis-seħħ il-PAK il-ġdida. Ir-Regolament tranżitorju propost jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jkopru t-tranżizzjoni mill-perjodu attwali tal-PAK għal dak li jmiss.

8. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fit-Titolu I tar-Regolament tranżitorju propost mill-Kummissjoni jirreferu għall-proposti leġiżlattivi tagħha rigward il-PAK għall-perjodu wara l-2020 ⁽¹¹⁾, li huma marbuta mill-qrib mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-Unjoni għas-snin mill-2021 sal-2027 ⁽¹²⁾. Madankollu, fi tmiem Frar 2020, il-leġiżlaturi kienu għadhom ma adottawx il-QFP 2021-2027, u lanqas il-proposti leġiżlattivi rigward il-PAK għall-perjodu wara l-2020. Aħna nqisu li, fil-prinċipju, mhuwiex mistenni li d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali jkunu bbażati fuq is-suppożizzjoni li r-regolamenti futuri se jiġu approvati hekk kif ġew proposti ⁽¹³⁾.

9. Aħna niġbdu l-attenzjoni għall-perjodu tranżitorju propost, li huwa ta' sena. Meta titqies is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għall-QFP 2021-2027 u l-PAK għall-perjodu wara l-2020, l-istabbiliment tas-sistemi riveduti ta' ġestjoni u kontroll sabiex jiġi applikat il-qafas legali l-ġdid u l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK fl-1 ta' Jannar 2022 jista' jippreżenta sfida. Min-naħa l-oħra, huwa importanti li jibda jsir titjib fil-PAK malajr.

Allokazzjoni tal-finanzjament

10. Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni tar-Regolament tranżitorju propost, l-allokazzjonijiet finanzjarji inklużi fil-proposta "huma ugwali għal dawk fil-proposta tal-Pjan tal-PAK u huma koerenti mal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP 2021-2027". Bħala tali, l-allokazzjonijiet finanzjarji huma fil-limiti tal-QFP 2014-2020, iżda se jkunu suġġetti għal emenda ulterjuri jekk il-leġiżlaturi jaqblu dwar QFP 2021-2027 b'ammonti differenti minn dawk proposti attwalment.

11. Skont l-Artikolu 312(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar il-QFP 2021-2027 sa tmiem l-2020, il-limiti massimi tal-2020 ikunu applikabbli fl-2021. Il-limiti massimi għall-allokazzjonijiet tal-PAK għall-2020 huma ogħla minn dawk li ġew proposti għall-2021 fil-QFP 2021-2027 u fir-regolament dwar il-pjan strateġiku tal-PAK ⁽¹⁴⁾. Fl-istess ħin, ir-Regolament emendatorju ⁽¹⁵⁾ li ġie adottat f'Jannar 2020 fih dixxiplina finanzjarja għall-FAEG, li tiżgura li l-limitu massimu annwali għall-infiq taħt il-FAEG fl-2021 ma jkunx ogħla minn dak stabbilit fil-QFP 2021-2027, ladarba l-QFP jiġi maqbul.

PARTI II: KUMMENTI SPEĊIFIĊI**Estensjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali**

12. Fl-Artikolu 1 tar-Regolament tranżitorju propost, il-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri għażla minn dawn li ġejjin:

- li jestendu l-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom ikkofinanzjati mill-FAEŻR, jew ċerti programmi reġjonali tal-iżvilupp rurali tagħhom, sal-31 ta' Diċembru 2021, u li jiffinanzjaw dawn il-programmi estiżi mill-allokazzjoni baġitarja korrispondenti għas-sena 2021, b'ċerti restrizzjonijiet (ara l-paragrafu 15); jew
- li jagħmlu użu mill-Artikolu 8 tal-abbozz tar-Regolament dwar il-QFP għat-trasferiment tal-allokazzjoni baġitarja tal-FAEŻR għall-2021 jew għall-parti tal-allokazzjoni baġitarja tal-FAEŻR li tikkorrispondi għall-programmi reġjonali tal-iżvilupp rurali li ma jkunx ġew estiżi, għall-allokazzjonijiet finanzjarji għas-snin mill-2022 sal-2025.

⁽¹¹⁾ COM(2018) 392 final - 2018/0216 (COD); COM(2018) 393 final - 2018/0217 (COD); COM(2018) 394 final/2.

⁽¹²⁾ COM(2018) 322, COM(2018) 375.

⁽¹³⁾ Dan jikkonċerna l-Artikoli 1, 4 u 6-8 tar-Regolament tranżitorju propost.


⁽¹⁴⁾ Opinjoni Nru 7/2018: rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020, il-paragrafu 24.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/127.

13. L-implikazzjonijiet tar-regoli tranżizzjonali dwar l-infiq taħt il-FAEŻR jiddependu mid-deċizzjonijiet tal-Istati Membri rigward jekk jestendux il-programmi tagħhom, u għaldaqstant, f'dan l-istadju huma inċerti. Abbażi tal-użu li l-Istati Membri jagħmlu mill-appoġġ taħt il-FAEŻR sa tmiem l-2019 (ara l-Figura 1), jista' jkun mistenni li sehem żgħir biss mill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament tranżitorju propost, kif ukoll mill-allokazzjoni baġitarja tagħhom għas-sena 2021. Fi tmiem l-2020, il-fondi li ma jkunux intnefqu għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali huma mistennija li jvarjaw minn inqas minn 10 % għall-Finlandja u l-Irlanda sa kważi 50 % għan-Netherlands.

Figura 1

L-użu li l-Istati Membri jagħmlu mill-fondi tal-FAEŻR għall-perjodu 2014–2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq id-data tal-Kummissjoni.

14. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tranżitorju propost jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tqis l-estensjoni ta' programm minn Stat Membru bħala mhux ġustifikata. Madankollu, ir-Regolament tranżitorju propost ma jispjegax fuq liema bażi l-Kummissjoni tkun tikkunsidra estensjoni bħala mhux ġustifikata.

15. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tranżitorju propost, fejn Stat Membru jagħżel li jestendi b'sena l-programm tal-iżvilupp rurali tiegħu jew xi wħud mill-programmi reġjonali tal-iżvilupp rurali tiegħu, il-programmi estiżi għandu jkollhom l-għan li jżommu mill-inqas l-istess livell ġenerali ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika kif previst fir-regoli attwali⁽¹⁶⁾. Ir-Regolament tranżitorju propost juża kliem inqas strett mill-qafas attwali, li jirrikjedi li "tal-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR (...) għandu jkun riżervat għal" tali miżuri. Dan jista' jittqies li jfisser li l-programmi, li nefqu 'l fuq minn 30 % fuq il-miżuri ambjentali klimatiki elenkati, jistgħu jsejwu ambizzjonijiet ambjentali u klimatiki aktar baxxi għall-allokazzjoni tal-2021. Kwalunkwe "fond ġdid" użat taħt regoli antiki jenħtieġ li jindirizza t-tħassib ambjentali u klimatiku b'ambizzjoni li tkun mill-inqas identika jew ogħla minn dik ta' issa. Barra minn hekk, kwalunkwe impatt fuq il-punt sa fejn l-infiq taħt il-PAK huwa rilevanti għall-kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima huwa mistenni li jkun rifless fir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-klima⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁶⁾ L-Artikolu 1(1), ir-raba' subparagrafu: "Din l-emenda għandu jkollha l-għan li żżommu tal-anqas l-istess livell ġenerali tan-nefqa tal-FAEŻR għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) ta' dak ir-Regolament [1305/2013]".

⁽¹⁷⁾ Ara wkoll ir-Rapport Speċjali tal-QEA Nru 31/2016: "Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti", ir-Rakkomandazzjonijiet 1, 2 u 6.

16. Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament tranżitorju propost jirreferi għall-emenda ta' programm tal-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 11(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013⁽¹⁸⁾. Id-dati ta' skadenza għal dawn l-emendi huma speċifikati fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014⁽¹⁹⁾. Jekk l-emenda tikkonċerna "bidla tal-kontribuzzjoni sħiħa tal-Unjoni jew id-distribuzzjoni annwali tagħha fil-livell tal-programmi"⁽²⁰⁾, jenħtieġ li din l-emenda tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2020 skont ir-Regolament (UE) Nru 808/2014. Skont meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament tranżitorju propost, jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni temenda d-data ta' skadenza għall-emendi fl-att ta' implimentazzjoni.

Impenji pluriennali

17. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tranżitorju propost, sabiex jiġi llimitat riport sinifikanti ta' impenji mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali għall-iżvilupp rurali għall-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, id-durata ta' impenji pluriennali ġodda tkun limitata għal perjodu massimu ta' tliet snin minflok ħamsa. L-Istati Membri jkun jistgħu joffru dawn l-impenji iqsar għal tliet miżuri: miżuri agroambjentali klimatiċi, miżuri relatati mal-biedja organika u dawk relatati mal-benessri tal-annimali. Għall-miżuri ambjentali relatati mal-foresti (l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013) it-tul ta' impenji ġodda xorta waħda jkun ta' ħames snin jew aktar. L-estensjoni tal-impenji eżistenti tkun limitata għal sena. Il-limitazzjoni tad-durata tal-impenji pluriennali tista' tgħin biex tillimita l-livell tal-impenji riportati, sabiex dawn ma jagħmlux pressjoni fuq il-baġits futuri, għalkemm impenji agroambjentali klimatiċi ta' bejn sena sa tliet snin jista' jkollhom impatt aktar baxx minn impenji ta' bejn ħames snin sa sebgħa.

Dewmien propost tal-evalwazzjoni għall-perjodu 2014-2020

18. L-Artikolu 2(4) tar-Regolament tranżitorju propost jestendi d-data finali sa meta l-Kummissjoni jenħtieġ li tħejji rapport ta' sinthezi dwar l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-FAEŻR sal-31 ta' Diċembru 2026. Dan imur kontra r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna⁽²¹⁾ dwar l-allinjament tal-QFP maċ-ċiklu tal-infiq reali u dwar it-tweġiq ta' rieżami komprensiv tal-infiq qabel ma jiġi stabbilit baġit fuq terminu twil ġdid. Tabilħaqq, dewmien fl-implimentazzjoni ta' programmi taħt l-oqfsa finanzjarji pluriennali jinvolvi problemi ġenerali u rikorrenti, u jżid ir-riskji li jkun hemm fokus eċċessiv fuq l-assorbiment ta' fondi u li jiġi pplanat QFP ġdid qabel ma jkun magħrufa r-riżultati li nkisbu f'dak li jirrigwarda l-infiq tal-UE fil-perjodu preċedenti.

19. Eżempju ta' dan il-fenomenu hija r-rata ta' assorbiment tal-appoġġ taħt il-FAEŻR għall-perjodu 2014-2020. Il-Figura 1 (ara l-paragrafu 13) turi li, fi tmiem is-sena ta' qabel tal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, ir-rata medja ta' assorbiment tal-UE tal-appoġġ taħt il-FAEŻR kienet ta' 53%. Dan ifisser li, bħal fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, proporzjon sinifikanti tal-infiq se jsir fil-perjodu n+3. Skont il-proposta għar-Regolament dwar il-QFP 2021-2027⁽²²⁾, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi QFP ġdid fl-2025. Madankollu, iċ-ċiklu ta' evalwazzjoni li jirrigwarda l-perjodu 2014-2020 ma jkunx għadu ġie ffinalizzat fl-2025, u dan ikompli jkabbar id-distakk bejn l-ippjanar tal-QFP u l-evalwazzjoni tal-infiq li sar fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Dan ifisser li l-Kummissjoni tkun ħejjet il-proposta tagħha għall-PAK ta' wara l-2027 mingħajr ma tkun ivvalutat bis-sħiħ il-prestazzjoni tal-PAK għall-perjodu 2014-2020.

20. Fir-Rapport Annwali 2018 tagħna⁽²³⁾, aħna r-rakkomandajna li, għall-perjodu wara l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni d-dgħufijiet li identifikkaw fil-qafas tal-prestazzjoni attwali, "sabiex tiżgura li l-indikaturi tar-riżultati jkejlu b'mod xieraq l-effetti tal-azzjonijiet u li jkollhom rabta ċara mal-interventi u mal-oġettivi ta' politika relatati". Fl-Opinjoni Nru 7/2018 tagħna dwar il-proposta għall-PAK ta' wara l-2020, aħna sibna li dawn l-indikaturi kienu għadhom ma ġewx żviluppati bis-sħiħ u għamilna kummenti speċifiċi dwar l-indikaturi proposti⁽²⁴⁾. Iż-żmien addizzjonali qabel l-implimentazzjoni tal-perjodu l-ġdid tal-PAK jista' jintuża biex jitjeb il-qafas tal-prestazzjoni futur.

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).

⁽²⁰⁾ L-Artikolu 11(1)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

⁽²¹⁾ Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2017: "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati", ir-Rapport Speċjali 36/2016: "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013", ir-Rakkomandazzjoni 4.

⁽²²⁾ COM(2018) 322, COM(2018) 375.

⁽²³⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1).

⁽²⁴⁾ L-Opinjoni Nru 7/2018, il-paragrafu 70 u l-Anness I.

Drittijiet għall-pagament

21. L-Artikolu 19(2) tar-regolament propost dwar il-pjan strateġiku tal-PAK joffri lill-Istati Membri l-possibbiltà li ma jibqgħux jagħtu l-appoġġ bażiku għall-introjt bbażat fuq drittijiet għall-pagament u li jippermettu li d-drittijiet għall-pagament jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2020. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-proposti tagħha għall-PAK wara l-2020 ⁽²⁵⁾, il-Kummissjoni ddikjarat li l-għajbien tad-drittijiet għall-pagament ikun jippermetti tnaqqis fil-piż amministrattiv. Fl-opinjoni tagħna ⁽²⁶⁾, aħna qisna li dan jirrappreżenta simplifikazzjoni sinifikanti. Ir-Regolament tranżitorju propost jipposponi din il-possibbiltà, iżda l-Artikolu 10(4) tagħha jipproponi tnaqqis jew żieda lineari tal-valur tad-drittijiet kollha għall-pagamenti u/jew tar-riżerva biex jiġi aġġustat il-limitu massimu l-ġdid għall-iskema ta' pagament bażiku.

22. Sa mill-pubblikazzjoni tal-proposti għall-PAK wara l-2020, kien hemm attenzjoni akbar fuq il-pagamenti lil bdiewa mhux ġenwini li akkwistaw art agrikola biex jirċievu pagamenti taħt il-PAK. Il-Kummissjoni u l-leġislaturi jstgħu jużaw is-sena addizzjonali biex jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti għad-definizzjonijiet ta' "bidwi ġenwin", "ettaru eliġibbli" u "attività agrikola" minima fil-proposti għall-PAK wara l-2020 humiex meħtieġa li jiġu riveduti biex jindirizzaw dan ir-riskju, inkluż billi tiġi kkjarifikata t-tifsira tal-"art għad-dispożizzjoni tal-bidwi, mingħajr ma jiżded b'mod sproporzjonat il-piż amministrattiv għall-bdiewa.

Riżerva għall-kriżijiet

23. L-Artikolu 9 tar-Regolament tranżitorju propost jkun jestendi b'sena r-riżerva attwali għall-kriżijiet u l-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja assoċjat magħha. Fid-dawl tal-proposti għall-PAK wara l-2020, dan jimplika li kull ammont mhux użat għal miżuri ta' kriżi sa tmiem is-sena finanzjarja 2020 se jingħata lura lill-bdiewa li kellhom tnaqqis fil-pagament dirett tagħhom taħt il-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja. Kwalunkwe ammont mhux użat għal miżuri ta' kriżi sa tmiem is-sena finanzjarja 2021 mhux se jingħata lura lill-bdiewa, minħabba li r-Regolament Orizzontali ⁽²⁷⁾ jistabbilixxi riżerva għall-agrikoltura b'riportament annwali tar-riżerva mhux użata.

Skemi ta' għajjuna settorjali

24. Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistipula regoli għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. L-Artikolu 7 tar-Regolament tranżitorju propost jimmodifika d-durata ta' ċerti skemi ta' għajjuna li jenħteġ li jiġu integrati fil-pjanijiet strateġiċi futuri tal-PAK tal-Istati Membri bħala interventi settorjali msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 39 tar-Regolament dwar il-pjan strateġiku tal-PAK propost.

25. Aħna nosservaw li hemm regoli differenti għall-estensjonijiet tal-iskemi ta' għajjuna settorjali. Għaż-żejt taż-żebugħa u ż-żebugħ tal-ikel, il-programmi ta' ħidma li jibqgħu għaddejnin sal-31 ta' Marzu 2021, se jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2021. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi se jkollhom jimmodifikaw il-programmi ta' ħidma tagħhom biex jieħdu kont ta' din l-estensjoni u jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020 dwar il-programmi ta' ħidma modifikati tagħhom. Għas-setturi tal-inbid u tal-apikultura, il-programmi ta' appoġġ attwali se jibqgħu għaddejnin sat-tmiem tagħhom, jiġifieri l-15 ta' Ottubru 2023 u l-31 ta' Lulju 2022 rispettivament. Għaldaqstant, l-operaturi mhumiex meħtieġa jieħdu azzjoni speċjali. Għal programm operazzjonali fis-setturi tal-frott u l-ħaxix, li jkun ġie approvat għal durata li tmur lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2021, sal-15 ta' Settembru 2021, l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun trid tippreżenta talba lill-Istat Membru biex jimmodifika jew jissostitwixxi l-programm operazzjonali tiegħu. Inkella, il-programm operazzjonali jintemm fil-31 ta' Diċembru 2021.

KONKLUŻJONI

26. Ir-Regolament tranżitorju propost mill-Kummissjoni jilħaq l-għan li l-PAK tkompli tiġi ffinanzjata matul il-perjodu tranżitorju, abbażi tal-ammonti stabbiliti fil-proposti għall-PAK wara l-2020. Aħna nosservaw li r-Regolament tranżitorju propost jaffettwa bosta aspetti tal-PAK. L-estensjoni ta' programmi tal-iżvilupp rurali taffettwa, b'mod partikolari, l-impenji pluriennali relatati, l-ambizzjoni ambjentali u klimatika, l-arranġamenti ta' evalwazzjoni u t-twaqqit tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.

⁽²⁵⁾ Valutazzjoni tal-impatt, SWD(2018) 301 final, il-Parti 3, p. 131.

⁽²⁶⁾ L-Opinjoni Nru 7/2018, il-paragrafu 63.

⁽²⁷⁾ L-Artikolu 14(2), it-tielet subparagrafu, tal-proposta għal Regolament Orizzontali (COM(2018) 393 final) jipprevedi: "Barra minn hekk, b'deroga mill-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont kollu tar-riżerva għall-kriżijiet li ma jkunx intuża u li jkun disponibbli fi tmiem l-2020 għandu jiġi riportat għall-2021 mingħajr ma jerġa' jiddaħħal fil-linji baġitarji li jkopru l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(2)(c) u għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-finanzjament tar-riżerva għall-agrikoltura".

27. L-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv għal wara l-2020 tipposponi minn tal-inqas b'sena l-implimentazzjoni ta' PAK potenzjalment aktar ambizzjuża. Il-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jistgħu jużaw iż-żmien addizzjonali biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li qajjima f'din l-opinjoni u f'dokumenti oħra, speċjalment fir-rigward tal-isfidi klimatiċi u ambjentali stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati sistemi ta' governanza robusti għall-PAK futura u li jitjeb il-kejl tal-prestazzjoni.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla I, immexxija mis-Sur Nikolaos Milionis, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Frar 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

Il-President

ANNEX

Test fil-proposta	Suġġerimenti tal-QEA
<p><i>Artikolu 1</i></p> <p>Estensjoni tal-perjodu għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR</p> <p>2. [...]</p> <p>Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-possibbiltà prevista fil-paragrafu 1 biss fir-rigward ta' ċerti programmi reġjonali, l-allokazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun l-ammont stabbilit għal dak l-Istat Membru għall-2021 fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 imnaqqas bl-allokazzjonijiet baġitarji nnotifikati f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għall-programmi reġjonali li jiġu estiżi.</p>	<p><i>Artikolu 1</i></p> <p>Estensjoni tal-perjodu għall-programmi appoġġati mill-FAEŻR</p> <p>2. [...]</p> <p>Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-possibbiltà prevista fil-paragrafu 1 biss fir-rigward ta' ċerti programmi reġjonali, l-allokazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun l-ammont stabbilit għal dak l-Istat Membru għall-2021 fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 imnaqqas bl-allokazzjonijiet baġitarji nnotifikati f'konformità mat-tieni l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 2 għall-programmi reġjonali li jiġu estiżi.</p>
<p><i>Artikolu 3</i></p> <p>Eliġibbiltà ta' ċerti tipi ta' nfiq fl-2021</p> <p>(c) is-sistema msemmija fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tapplika għall-impenji legali meħuda taħt miżuri li jikkorrispondu għall-appoġġ mogħti skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikoli 28 sa 31, 33, 34 u 40 ta' dan ir-Regolament u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar; u</p>	<p><i>Artikolu 3</i></p> <p>Eliġibbiltà ta' ċerti tipi ta' nfiq fl-2021</p> <p>(c) is-sistema msemmija fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tapplika għall-impenji legali meħuda taħt miżuri li jikkorrispondu għall-appoġġ mogħti skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikoli 28 sa 31, 33, 34 u 40 ta' dan ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar; u</p>
<p><i>Artikolu 8</i></p> <p>Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013</p> <p>(8) fl-Artikolu 75(1), jizzied it-tieni subparagrafu li ġej:</p> <p>“Għal programmi li għalihom Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-perjodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], dak l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-rapport annwali ta' implimentazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru 2025.”;</p>	<p><i>Artikolu 8</i></p> <p>Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013</p> <p>(8) fl-Artikolu 75(1), jizzied it-tieni subparagrafu li ġej:</p> <p>“Għal programmi li għalihom Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-perjodu 2014-2020 f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] [Dan ir-Regolament], dak l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-rapport annwali ta' implimentazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru <u>sat-30 ta' Ġunju</u> 2025.”;</p>
<p><i>Artikolu 10</i></p> <p>Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013</p> <p>(10) fl-Artikolu 36(1), jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:</p> <p>“L-Istati Membri li fl-2020 se japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom ikomplu jagħmlu dan wara l-31 ta' Diċembru 2020.”</p>	<p><i>Artikolu 10</i></p> <p>Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013</p> <p>(10) fl-Artikolu 36(1), jiddaħħal it-tien tielet subparagrafu li ġej:</p> <p>“L-Istati Membri li fl-2020 se japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom ikomplu jagħmlu dan wara l-31 ta' Diċembru 2020.”</p>

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT